*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 02**

**L-Erbgħa 10 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:30 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**2.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**2.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud.

**2.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 1 tat-2 ta' Lulju 2019:</u>***

**2.2.1** ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 l-aħħar paragrafu rigward l-fatt li l-Kunsillier ma jikkumentawx fuq il-paġna fuq *facebook Marsaskala our beautiful village*.

Is-Sindku qal illi jħoss li morna ħafna aħjar b'dan il-mod u li n-nies laqaw d-deċiżjoni tagħna b'mod pożittiv. Is-Sindku kompla jgħid illi l-paġna tal-Kunsill qed tieħu ħsiebha is-Sinjura Rebecca Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kompla jgħid illi jekk il-Kunsilliera jaqblu hu jħoss li tajjeb li jekk is-Sinjura Micallef issib xi ilmenti fuq il-paġna *Marsaskala our beautiful village* tirrispondi lil individwu personalment.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi tajjeb li l-Kunsill jagħmel post kull ftit jiem fuq din il-paġna sabiex ifakkar lin-nies sabiex jikkomunikaw fuq il-paġna tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill mhuwiex approvat f'din il-paġna allura ma jistgħax jipostja dirett bħala Kunsill.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi tajjeb niktbu lill Amministrattur u ngħidulu sabiex jaċċetta l-Kunsill fil-grupp tal-paġna.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi hu qed jaħdem fuq website ġdida għall Kunsill u wasal fi stat avvanzat, kompla jgħid illi ċertu informazzjoni li ser tkun qed titella fuq il-website bħala avviżi ta' attivitajiet li jkunu ser isiru tajjeb illi jkunu ukoll ippublikati fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill kif ukoll fil-paġna Marsaskala our beautiful village.

Kien hemm qbil unanimu.

**2.2.3** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkellmet fuq l-inizjattiva Wave of Change fejn din l-inizjattiva tgħin sabiex inżommu l-bajjiet tagħna nodfa, kompliet tgħid illi tkellmet mal-organizzaturi sabiex tara jekk jistgħux ituna portable ashtrays għal fuq il-bajjiet kif ukoll flixken reusable. Qalet ukoll illi tixtieq li jsiru badges kif ukoll brieret għat-tfal li ser ikunu qed inaddfu fuq il-bajja u jekk dawn ma jkunux jistgħu jingħataw bħala sponsor staqsiet jekk il-Kunsill ikunx jista jixtrijhom hu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta kien il-Portugal ra li fuq il-bajjiet ikun hemm diversi ashtrays li tista tuża fuq il-bajja dawn jidħlu ġor-ramel u wara li jintużaw tpoġġijhom lura fejn kienu biex jużhom ħaddieħor. Kompla jgħid illi jekk jirnexxielna nsibu sponsor li jiffinanzja din l-inizjattiva tkun xi ħaġa inovattiva għal Marsaskala.

Il-Kunsill qabel illi jekk l-brieret u l-badges ma jkunux sponsorjati l-Kunsill ser iħallas għalihom.

**<u>2.3</u>** **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**2.3.1 Cirk AKL 2019/038 Malta Pride Initiative 2019:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva korrispondenza min naħa tal-Malta Pride fejn qed iħeġġuna sabiex ninvolvu ruħna f'din l-inizjattiva sabiex ikun hemm inklussivita fil-Lokalitajiet kollha f'Malta. Huma taw eżempji ta' x'nistgħu nagħmlu biex inkun involuti. Fosthom nagħmlu zebra crossing bil-kuluri tal-qawwsalla jew inkella ntellgħu bandiera bl-istess kuluri jew isir xi bank bil-kuluri.

Is-Sindku qal illi nistgħu nagħżlu zebra crossing u nagħmluha b'dawn il-kuluri.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-unika preokupazzjoni tiegħu hija illi jekk isir inċident fuq din iz-zebra crossing din mhijiex imniżżla fil-high way code u jaf il-liġi ma tkopprikx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma jaħsibx li jkun hemm problemi la darba tkun approvata mit-TM.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi tista issir fejn ikun hemm il-belishia lights.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri staqsa jekk il-bankijiet jistgħux jinżebgħu.

Is-Sindku qal illi bħalissa qed jistenna xi disinji differenti mingħand artista fuq il-bankijiet ikkuluriti, la darba jkollu dawn id-disinji ser jippreżenthom fil-laqgħa u l-Kunsill u tittieħed deċiżjoni min hemm.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi sabiex nevitaw li nagħmlu zebra crossing nistgħu nagħmlu dawn il-kuluri fl-entrattura tal-Bini tal-Kunsill il-ġdid.

Is-Sindku qal illi din l-inizjattiva trid tibda minn issa u filkas neliminaw iz-zebra crossing u minflok nagħmlu bankijiet.

Kien hemm qbil dwar dan.

**2.3.2 Pick up points tat-tfal tal-iskola:**

Dr Patrick Camilleri qal illi f'Marsaskala hawn 4 pick up points minn fejn jinġabru it-tfal tal-iskola u waħda minnhom hija quddiem l-Isparkle image u jħoss illi l-post mhuwiex sigur għat-tfal li jkunu hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din hija kwistjoni tal-Education li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-postijiet tal-Pick up points.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għamel pressjoni sabiex issir zebra crossing f'din it-triq pero TM baqgħu ma aċċettwiex pero nistgħu ninfurmaw l-education illi din il-pick up point nħossu li mhijiex sigura għat-tfal li jkunu hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-inġineer tal-Infrastructure Malta mhuwiex jikkomunika miegħu rigward ix-xogħlijiet fi Triq il-Qaliet.

Is-Sindku qal illi l-Perit Matthew Briffa huwa l-persuna responsabbli għal Triq il-Qaliet minn naħa ta` Infrastracture Malta u għandu kuntatt miegħu tista tgħid kuljum.

Kien hemm qbil li nibgħatu lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni

**2.3.3 Inviti mill-President flimkien mal-kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill bl-invit li rċieva l-Kunsill min-naħa tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna filwaqt li nfurmhom illi dawn intbgħatu anke b'email.

**2.3.4 Xiri ta' vann għall-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi l-Kunsill għandu fil-preżent van wieħed u erba ħaddiema, qal illi kien hemm il-ħsieb illi jinxtara vann ieħor sabiex ix-xogħolijiet jiġu maqsuma bejn il-ħaddiema u ma jkunx hemm ħela ta' ħin. Qal illi żewġ ħaddiema ser jibdew jagħmlu x-xogħol infrastrutturali u l-ħaddiema l-oħra jagħmlu qadi ieħor kif ukoll marki tat-toroq. Kompla jgħid illi hu ġabar tlett kwotazzjonijiet ta' vannijiet u ppreżentahom lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi van minnhom huwa antik ħafna, l-ieħor għandu prezz għoli u l-ieħor jider li qieged bi prezz tajjeb u saqsa jekk il-liċenzja tal-vann hijiex commercial.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma illi l-liċenzja hija commercial.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi tajjeb li l-Kunsill jikkunsidra li jixtri vettura li taħdem bid-dawl jew inkella tkun hybrid.

Is-Sindku qal illi peress illi irridu vann illi jgħabbi makkinarju tqil hija diffiċli li ssib van eletroniku li jerfa tant piż apparti l-fatt illi l-prezzijiet ta dawn il-vetturi għadu għoli.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jinxtara l-vann għall prezz ta' €4900 tat-tip Toyota Hilux.

**2.3.5 Tħawwil ta' Palm fi Triq is-Salini:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet meta ser jibda ix-xogħol ta' tħawwil ta' siġar fi Triq is-Salini sabiex tinforma lill tal-Parks sabiex jieħdu it-tamarisk li ser jitneħħa sabiex jiġi mħawwel l-Irnella.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill illi l-Kunsill applika għal skema tal-Urban Greening fejn ser nibbenefikaw min tħawwil ta' washingtonia fi Triq is-Salini fejn ma hemmx u jitneħħa it-tamarisk li hemm apparti min hekk ser isiru xi pjanti fi Ġnien Alfred Debono u xi pjanti fl-iskola.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi hu ma jsibx oġġezzjoni pero jħoss illi tajjeb li kieku jiġu mħawwla pjanti indiġini fejn joffru aktar dell mill-*washingtonia*.

Is-Sindku qal illi f'dan il-każ hija diffiċli għaliex tajjeb li l-promenade ikun uniformi kollu bl-istess pjanti f'dan il-każ bil-*washingtonia*, nistgħu nħawwlu dan it-tip ta' siġar f'żoni oħra.

Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud huwa l-persuna responsabbli għal pjanti pero f'dan il-każ daħlet il-Viċi Sindku is-Sinjura Janice Falzon minħabba li kellha kuntatti ma tal-parks diġa u ta` dan irringrazzjaha.

Is-Sindku qal illi bħalissa qed jinżabar il-palm kollu min fuq s'isfel. Is-Sindku kompla jgħid illi normalment biex isir żbir ta' palm l-ammont ikun bejn wieħed u ieħor €60,000 pero sab dan il-kuntrattur illi qed jiżbor il-palm u sa issa għamel 40 waħda qal illi żbir 50 palma ser jiġu jiswew €10000 pero dawn ser jitħallsu mill-MTA . Is-Sindku talab lill Kunsilliera jekk jaqblux illi għal dan is-sajf il-Kunsill joħroġ €5000 u nagħmlu 25 Palma oħra. Il-kumplament isir is-sajf ta` wara.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.3.6 Yacht Marina:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kien hemm avviż għall-*expression of interest* biex issir *Yacht Marina*. Hi staqsiet min għandu l-mażri fil-baħar bħalissa għandu garanzija li jsib postu hemm ?

Is-Sindku qal illi ftit snin ilu kellhom iċ-ċans li jirreġistraw iġifieri min irreġistra ser ikollu postu hemm.

**2.3.7** **Mobile toilets:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ġiet avviċinata minn għalliema fejn din iġġib it-tfal inaddfu l-bajja fix-xahar ta' Mejju u staqsiet jekk il-mobile toilets jistgħux jibdew minn Mejju u mhux minn Ġunju.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser tkun spiża akbar jekk nġibuhom minn xahar qabel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi xorta waħda hemm lattrina li tkun dejjem miftuħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi talbet dan biex ma toqgħodx itellahom il-lattrina u jkun hemm aktar kumdita.

Is-Sindku qal illi xorta mhux il-Kunsill qed iħallas għal dawn il-mobile toilets.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta` parir li l-*mobile toilets* jinġabu għal waqt l-attivita` ta' Mejju biss.

Kien hemm qbil unanimu.

**2.3.8** **Korsijiet tal-Kompjuter b'xejn:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fil-Kottonera l-korsijiet tar-robotica qed isiru b'xejn u ir-residenti iħallu €10 biss qalet illi f'Marsaskala r-residenti jħallsu ħafna aktar u xtaqet li kieku nkunu nistgħu noffruwhom b'xejn aħna ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-residenti f'Marsaskala jħallsu €50 u kompla jgħid illi jekk niddeċiedu li dan il-kors intuħ b'xejn jew €10 mhux ser ikun jistgħa jagħti l-kors l-ieħor fix-xitwa għall-adulti minħabba li nkunu nistgħu naqbżu l-limitu ta' direct order.

Is-Sindku qal illi l-Kottonera ingħaqdu flimkien minħabba li ma jkunx hemm konkorrenza kbira filwaqt illi l-lokalita' ta' Marsaskala hija ħafna akbar u ma nistgħux nagħtu kollox b'xejn, nistgħu ngħinu pero` mhux nagħtu kollox b'xejn.

**2.3.9** **AGM f'Marsaskala 2022:**

Is-Sindku qal illi l-Kunsill huwa membru fid-Douzelage Town Twinning Organisation fejn tul dawn is-snin gawdew ħafna nies tal-lokal, kif ukoll ristoranti fil-lokal. Is-Sindku qal illi kull sena issir AGM f'kull pajjiż li huwa parti mid-Douzelage u l-Kunsill ta' Marsaskala ser ikun imissu itella din l-AGM fis-sena 2022. Hu qal illi biex itella din l-AGM trid min tal-inqas €150,000 għaliex id-delegati li jiġu jħallsu biss il-flights hekk kif dejjem għamilna aħna meta morna. Is-Sindku qal illi kien tkellem mall-Kunsill preċedenti u kien hemm qbil illi kull sena nfaddlu ammont mill-finanzi tal-Kunsill pero qed jipprova isib alternattivi oħra u ser jkellem lill MTA sabiex jistaqsi jekk jistgħu jgħinu f'din l-attivita' li ser iġġib ħafna turisti lejn Malta. Is-Sindku semma wkoll li kellu laqgħa mal-MEUSAC pero` nistgħu nottjenu massimu ta' €30,000 mil-fondi tal-UE.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk din l-AGM hux ser issir f'Malta jew fil-Lokalita' ta' Marsaskala. Is-Sindku wieġeb illi f`Marsaskala apparti li jkun xi ħarga kulturali f`xi postijiet storiċi.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi hu interessat li jgħin u jagħmel parti mit-team.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi hemm bżonn ta team tajjeb għaliex hija attivita` li tinvolvi ħafna xogħol.

**2.3.10 Periklu fil-Munxar:**

Is-Sindku qal illi ftit tal-ġranet ilu ġidbulu l-attenzjoni illi kien hemm Land Rover ipparkjat fit-tarf ta' fuq il-blat u kien hemm nies qed jixxemxu taħtu fejn il-blat huwa dajjef ħafna u setgħet saret traċedja kbira, kompla jgħid illi saru tabelli min TM pero għad hemm aċċess dejjaq li jħoss li tajjeb nagħlquh biex nevitaw il-periklu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk nagħqluh ma jkunx hemm aċċess għal ambulanza.

Is-Sindku qal illi hemm is-swimmers zones suwed biex jindikaw lill-għawwiema sabiex ma jgħumux taħtu pero fuq il-blat xorta jistgħu joqgħodu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi filgħaxija is-sitwazzjoni hija agħar għax ma tarax.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb nibgħatu lit-TM għaliex dan ma jaqax taħt ir-responsabilita` tal-Kunsill u nistaqsu għal soluzzjonijiet li jistgħu isiru.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi min fejn jinżlu in-nies għal bajja tajjeb issir taraġ ħdejn il-Pillbox għal isfel għaliex kif inhu qed jiżolqu in-nies.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal ukoll illi żdiedu żewġ caravans wara Villa Sant Anna u baqgħu hemm.

Il-Kunsill qabel illi nikomunikaw mat-TM rigward il-perikli li hemm fil-bajja, nibgħatu l-ħaddiema jagħmlu żewġ tarġiet fit-tarf tan-niżla u ser isir rapport il-Pulizija fuq il-caravans li hemm ħdejn Villa Sant Anna.

**2.3.11 Il-Kumitat tal-armar jieħu azzjoni fuq il-bżieżaq:**

Is-Sindku qal illi l-Kleru, il-kumitat tal-armar kif ukoll is-Soċjeta mużikali Sant'Anna kollha qablu illi mhux ser jintużaw aktar bżieżaq bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet iżda kompla jgħid illi għaddilu minn widnejh illi hemm xi nies li ma qablux ma dan u ser jużaw bżieżaq *biodegradable* minkejja l-fatt li xorta jagħmlu l-ħsara. Huwa żied jgħid illi din għad mhijiex liġi allura l-awtorita ma tista` twaqqaf lill ħadd.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Flazon qalet illi jekk l-kumitat tal-armar ma qabilx għaliex ser ikun hemm min iġib il-bżieżaq xorta waħda meta dawn qatt mhu ser ikollna konferma li huma biodegradable.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi din għadha mhijiex liġi u l-kumitat qed jagħmila bħala *buona volonta* tiegħu iġifieri ma nistgħu nwaqqfu l-ħadd la darba għadha mhijiex liġi.

**2.3.12 Water Fountain:**

Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu funtana li tixrob minna li tista titpoġġa fil-lokal pero qed jistaqsi lill-Kunsilliera fejn l-aħjar li ssir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li din tkun tajjeb għax-xorb għax ma tagħmilx sens li jkollna water fountain li l-ilma ma jkunx tajjeb għax-xorb, kompla jgħid illi tajjeb nsibu post fejn ikun jista jsir riversosmosis u tittieħed fergħa għal din il-funtana eżempju tista issir ħdejn il-bini tal-Kunsill il-ġdid.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hawn kumpanija li toffri ilma bi ftit flus u tkun tista tieħu reċipjent u tħallas għalih.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi f'każ li ssir din ikun hemm bżonn isiru xi *lease agreeement* mal-persuna.

**2.3.13 Karnival tas-Sajf:**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi ser isir laqgħa fuq il-Karnival fil-15 ta' Lulju fuq il-health and safety u fit-22 ta' Lulju 2019 u din is-sena ser ikun hemm ftit tibdil min fejn ser jgħaddu l-karrijiet u ż-żeffiena qal illi ż-żeffiena ser jgħaddu min Triq is-Salini direzzjoni Triq ix-Xatt u l-karrijiet ser jgħaddu Triq iż-Żonqor direzzjoni lejn Triq ix-Xatt.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi tajjeb nieħdu ħsieb it-traffic management u l-clearance tal-parking fi Triq is-Salini u Triq iż-Żonqor.

Is-Sindku qal illi l-parkeġġ ta' dawn iż-żewġ toroq jista jitneħħa naħa waħda biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma jaħsibx li jkun possibli minħabba tal-health and safety. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiltaqa mal-Health & Safety officer u jżomm il-Kunsill aġġornat.

**2.3.14 Jum Marsaskala:**

Is-Sindku qal illi Jum Marsaskala ser issir fl-ewwel ħadd ta' Settembru u din id-darba ser iqaddes qassis li jgħix Għawdex li ilu l-Peru snin twal u issa sar Isqof u l-quddiesa ser issir filgħaxija bid-differenza tas-snin preċedenti fejn kienet issir filgħodu, kompla jgħid illi ser nordnaw Sopra Leġiju bħala rigal min naħa tal-Kunsill. Dan jiswa €90. Is-Sindku qal illi wara ser isir riċiviment zgħir fejn jitqassmu rikonoxximenti u ġieħ Marsaskala.

Kien hemm qbil unanimu

**2.3.15 Kunċert fis-27 ta' Lulju 2019:**

Is-Sindku qal illi ser isir kunċert mill-kumitat tan-nar fis-27 ta' Lulju 2019 u ser ikun hemm bzonn mitt siġġu fejn in-nies ikunu jistgħu jikru siġġu għal dan il-kunċert u l-flus jmorru għal għaqda tal-armar. Is-Sindku qal illi l-ammont huwa ta €30 u isuġerixxa illi jinħarġu bejn il-Kunsilliera. Kompla jgħid illi għal din is-sena l-Kunsill ser ikun qed iħallas għall-dan l-ispettaklu.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**2.5 Rapporti:**

**2.5.1 Aġġudikazzjoni tal-offerta KLM 2019/06 Service of an accountant and accountant technician for the Marsaskala Local Council:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ħareġ sejħa għal offerti għas-servizz tal-Accountant u kellna erba offerenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-irħas offerent kienet is-Sinjura Doreen Calleja l-istess accountant li għadna fil-preżent u li ninsabu kuntenti ħafna bis-servizz tagħha.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-bord.

**2.5.2 Aġġudikazzjoni tal-offerta KLM 2019/02 Cleaning, upkeep and maintenance of Public Gardens and soft areas using environmentally friendly products and practices:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur li kellna waqaf jagħti servizz u bħalissa ninsabu mingħajr servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellna offerent wieħed biss u għalkemm il-prezz huwa għola milli kien ikollna qabel din kienet waħda mill-problemi għaliex il-kuntrattur li kellna kellu jieqaf jagħti servizz, kompla jgħid illi meta iċċekja jekk il-prezz huwiex ġust il-persuna intiża qaltila li l-prezz huwa ġust.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi normalment ngħatu ċans 10 ijiem għal min jixtieq jappella u anke jekk f'dan il-każ kellna biss offerent wieħed normalment xorta nagħtu dan iż-żmien pero` meta tikkunsidra li qiegħdin bla servizz tajjeb illi naġġħlu l-proċess u dawn l-għaxart t'ijiem ma jingħatawx.

Kien hemm qbil unanimu.

**2.5.3** **<u>Aġġudikazzjoni tal-offerta KLM 2019/03 Service of the collection of household waste from the locality of Marsaskala using low emission vehicles:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ħareġ l-offerta għal ġbir ta' skart fil-lokalita' u kien hemm żewġ offerenti, kompla jgħid illi l-irħas offerent huwa l-R&A, l-istess kuntrattur li għandna fil-preżent.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li niġbdu l-attenzjoni ta' dan il-kuntrattur għaliex meta qed ikun hemm il-ġbir tal-borża organika u l-vann jagħsar l-iskart qed iwaqqa ħafna juices tal-ikel li jibqgħu għal tul taż-żmien ma l-art u jagħmlu riħa tintenn, u żied jgħid illi għandu jkollu xi tip ta' kontenitur fejn jaqa` dan l-ilma.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jagħmel memorandum of understanding u tiġi iffirmata mill-kuntrattur.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**2.5.4** **<u>Rapport finanzjarju ta' kull kwart April-Ġunju 2019:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ir-rapport finanzjarju.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart Apr-Ġunju u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**2.6** **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kien hemm l-ebda xogħol ieħor.

**2.7** **<u>Korrispondenza:</u>**

**2.7.1** **<u>Sqaq bla isem. Bżonn ta' deċiżjoni mil-Kunsill biex dan l-isqaq jingħata isem.</u>**

Kien hemm qbil illi jisemma Sqaq in-Natura. Il-Kunsill għandu japplika mal-Istreet Naming Committee.

**2.7.2** **<u>Informazzjoni mil-Kap tal-iskola l-ġdida dwar il-possibilita' ta' parkeġġ għar-residenti fl-iskola l-ġdida:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kellu qbil illi la darba tinfetaħ l-iskola l-ġdida l-parkeġġ tal-iskola kien ser ikun aċessibli għar-residenti fil-ħinijiet meta l-iskola tkun magħluqa, pero sa issa l-Kunsill ma ġiex mgħarraf li dan is-servizz ser jibda jingħata u għalhekk intbgħatet email lill-Kap tal-iskola sabiex nistaqsu dwar dan.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi jekk dan il-parkeġġ ser ikun miftuħ għar-residenti b'ċertu ħinijiet stipulati u jkun hemm xi ħadd li għal xi raġuni ma żammx mal-ħin sabiex ineħħi l-karozza dan ser ikun qed jieħu post ta' għalliem u jkun ta' inkonvenjent għalhekk jaqbel illi jkun hemm sistema ta' clamping sabiex tinżamm l-ordni.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi problema oħra hi li ser ikun hemm aċċess għall-iskola mill-parkeġġ u irid ikun hemm persuna li tiftaħ u tagħlaq il-parkeġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsillier Dr Errol Cutajar jekk jistax isir clamping ġo post privat.

Il-Kunsill għaraf li jeżistu problemi biex tinsab sistema effettiva minħabba l-parkeġġ.

Kien hemm qbil unanimu illi nerġgħu nikkomumikaw mal-kapijiet tal-iskola.

**2.7.3** **Korrispondenza varja mis-Sindku dwar avvenimenti u affarijiet oħra relatati mal-Kunsill:**

Is-Sindku spjega l-avvenimenti li saru u li għadhom ser isiru.

**2.7.4** **Skema ta' żvilupp ta' Libreriji Lokali:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din l-iskema mhijiex bħal ma kien ikollna fi snin preċedenti u mhijiex adattata għall-Kunsill tagħna.

**2.7.5** **Survey ta' Triq il-Qaliet ma Pjazza Mifsud Bonniċi:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit bgħatilna verżjoni oħra b'żewġ verżjonijiet għal possiblita' ta' roundabout fi Triq il-Qaliet.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi l-verżjoni ta' mingħajr roundabout hija aħjar.

Il-Kunsill qabel illi nerġgħu nitkellmu mal-Perit William Lewis flimkien mall-Kunsillier il-Perit John Schembri dwar l-aħjar verżjoni filwaqt illi l-Kunsill jagħraf li l-proposta finali għad trid titressaq u tiġi approvata u saħansitra implimentata minn Infrastructure Malta..

**2.7.6** **Approvazzjoni tal-Bad Debts:**

Kien hemm approvazzjoni tal-Bad Debts ppreżentati waqt is-seduta.

**2.7.7** **Ilmenti minħabba Triq iż-Żonqor:**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għadu kif irċieva ilment mingħand resident u infurmah illi x-xogħolijiet fi Triq iż-Żonqor ilhom tlett tijiem wieqfa. Kompla jgħid illi ma jistax ikun li nibqgħu sejrin hekk anke minħabba li daqt waslet il-festa, kompla jgħid illi hemm bżonn li nagħmlu pressjoni u nagħmlu press conference.

Is-Sindku qal illi l-aħħar li tkellem mal-Ministru u qallu li jridu jsiru xi tappieri.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandna ninfurmaw lill-Ministru illi jekk ix-xogħol mhux ser jitkompla l-Kunsill ser jagħmel Press conference.

Il-Kunsillier is-Sur John Schembri qal illi għandna noqgħodu attenti kif nitkellmu mall-Ministru u ninfurmawh bid-diffikultajiet li qed insibu u mhux ngħeddu b'xi deadline.

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi kien qed jikkomunika mall-Ministru dak il-ħin u infurmah illi x-xogħolijiet ser jitkomplew u ser ikellem hu stess lill-Kuntrattur.

Fil-fatt il-Ministru ċempel lis-Sindku u waqt li kien speaker spjega illi x-xogħol ser isir.

**2.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**2.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-lista ta' pagamenti flimkien mal-Petty cash għax-xahar ta' Ġunju 2019.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**2.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

**2.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill- Viċi Sindku- is-Sinjorina Janice Falzon u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri (001 – 4/7/19):</u>**

*"Tipproponi mozzjoni fuq il-karavans li jinsabu fil-bajja ta' San Tumas fejn qed tiddikjara illi filwaqt li taċċetta li bniedem ikollu delizzju, ma tifhimx li għandna bosta nies li minħabba delizzju tagħhom tal-karavans qiegħdin jokkupaw għal żmien indefinit spazzju pubbliku speċifikament il-Bajja ta' San Tumas biswit il-passaġġ li jwassal għar-reġjun pittoresk fil-Munxar, u jkunu ta' nkonvjentent għall-Iskalin u għan min ikun jixtieq iżur iż-żona. Għalhekk qed tipproponi li dan jiġi regolarizzat kif ġej:*

*A) Il-Kunsill Lokali għandu jitlob sabiex l-art imsemmija tiġi konċessa lilu u dan sabiex il-Kunsill ikollu l-Awtorita' fuq din l-art u ma jkollux għalfejn kull darba jdur għal-Awtoritajiet konċernati għall-għajnuna.*

*B) Qed titlob li jekk din tiġi approvata jiżdied platform virtwali bħala parti minn websajt tal-Kunsill ta' Marsaskala, simili għal dak li diġa għandhom il-Kunsill tal-Mellieħa (anness). Għalhekk min ikun interessat li jagħmel użu min l-isplazju tas-sit tal-bajja imsemmija ikun jista jidħol u jikri l-ispazju għal żmien stipulat anke ta' massimu skond kif jiġi diskuss, miftiehem u stipulat mill-Kunsill ta' Marsaskala u l-liġi ta' Malta*

*C) Sussegwentement qabel ma individwu jagħżel li jmur u jarma il-karavan tiegħu,ikun mitlub li l-ewwel iżur is-sit virtwali tal-Kunsill ta' Marsaskala u hemm ikun jista japplika BISS jekk ikun hemm spazzju għad-disposizzjoni, inkella japplika għal meta jkun hemm spazzju disponibbli. F'każ li 'IVA' il-persuna kkonċernaa tintalab tagħti ċerta dettalji, garanzija ta' responsabilta' tal-art anke tħallas miżata li tkun riflessa miż-żmien permanenza fuq is-sit stipulat.*

*Temmen ukoll li kull min japplika u jingħata permess għal kirja tal-art ikun jista jikri l-ispazju għal perjodu massimu li għandu wkoll jiġi diskuss fil-laqgħat tal-Kunsill. B'hekk jinħoloq limitu ta' żmien ta' okkupazzjoni biex kulħadd ikollu l-opportunita' li jagħmel użu tal-art imsemmija."*

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li tixtieq li din il-mozzjoni tiġi posposta kif ukoll iżżid il-kelma *campers* mall-kelma *caravans.*

**2.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mis- Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (002 – 4/7/19):</u>**

*"Jipproponi li tinbidel is-sistema tat-telefon fil-Kunsill u ssir speċi ta switchboard. Dan wara ħafna ilmenti mir-residenti li mhux qed ikollhom iċ-ċans jikkomunikaw mal-Kunsill permezz tat-telefon."*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-istima mingħand Comsec li tammonta għal €2321.63.

Il-Kunsill qabel li nixtru is-sistema il-ġdida mingħand Comsec.

2.9.3 **<u>Mozzjoni mressqa mis- Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli (003 – 4/7/19):</u>**

*"Wara ħafna lmenti mingħand in-nies li jżuru San Tumas rigward Caravans, dgħajjes u karrijiet mkissra li qed jingumbraw l-biċċa art li tinsab taħt il-boat houses u li tibda minn fejn l-iskal sad-daħla tal-Munxar, qiegħed nipproponi biex tiġi mfassla Bye-law biex l-istess Caravans,dgħajjes u karrijiet mitluqa u mkissra illegalment jitneħħew u l-art tingħata lura lill-pubbliku".*

Kien hemm diskussjoni sabiex jinbidlu xi kliem mill-mozzjoni u tinqara kif ġej:

*"Wara ħafna lmenti mingħand in-nies li jżuru San Tumas rigward Caravans, dgħajjes u karrijiet mkissra li qed jingumbraw l-biċċa art li tinsab taħt il-boat houses u li tibda minn fejn l-iskal sad-daħla tal-Munxar, qiegħed nipproponi biex tiġi mfassla Bye-law biex l-istess Caravans,dgħajjes u karrijiet kif ukoll oġġetti mitluqa kif ukoll Caravans dgħajjes u karrijiet mkissra jitneħħew u l-art tingħata lura lill-pubbliku".*

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri staqsa jekk tmur bil-campers huwiex permessibli.

Is-Sindku qal illi il-camper huwa liċenzjat għad-differenza tal-Caravans, kompla jgħid illi dan jista joqgħod ġo parkeġġ bhal ma toghqod karozza b'liċenzja imħallsa.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk l-art inkwistjoni hijiex privata jew pubblika.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi diġa iċċekkjat mal-lands u qalulha li mhijiex tagħhom.

Is-Sindku qal illi kulħadd jgħid li mhuwiex responsabbli għaliha u fil-frattemp qed ibatu ir-residenti.

Kien hemm qbil unanimu illi jinbeda l-proċess għal bye law u li nikkonsultaw mal-Avukat tal-Kunsill dwar dan.

2.10 **<u>Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 19 ta' Lulju 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 10 ta' Lulju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |